## Il-Ħadd, 15 ta' Novembru 2020

Ġesù qal din il-parabbola:
"Wieħed li kien se jsiefer
sejjaħ lill-qaddejja tiegħu
u ħallielhom ġidu f'idejhom.
Lil wieħed tah ħames talenti,
lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed,
kull wieħed skont il-ħila tiegħu.
U siefer.
Dak li kien ħa l-ħames talenti
mar minnufih iħaddimhom
u qala' ħamsa oħra.
Hekk ukoll dak li kien ħa tnejn
qala' tnejn oħra.
Iżda dak li ħa wieħed mar ħaffer
fl-art u ħeba flus sidu. Wara ħafna,
sid dawk il-qaddejja raġa' lura u
beda jagħmel il-kontijiet magħhom."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 25, versi 14-19***

# 264

"Il-Mulej ma jagħtix lil kulħadd
l-istess affarijiet u bl-istess mod:
Hu jafna personalment
u jafdalna dak li jgħodd għalina;
imma hemm xi ħaġa
li hija komuni għal kulħadd:
l-istess fiduċja kbira
li għandu Alla fina. Alla jafdana,
Alla għandu t-tama fina!
U m'hemm ħadd fostna
li għalih dan ma jgħoddx.
Ejjew ma niddiżappuntawhx!
Ejjew ma nħallux il-biża'
tqarraq bina; ejjew inwieġbu
għal din il-fiduċja bil-fiduċja!"

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 16 Novembru 2014

*Il-ġid*
*li Alla jagħtini*
*qed nużah*
*tajjeb?*

*Hemm xi ħaġa*
*li Hu tani*
*u li jien għadni*
*ma ħriġthiex*
*għad-dawl*
*minħabba*
*xi biża'?*

# Li twieġeb bil-fiduċja

Dak li nagħmlu minn ħajjitna, Mulej,
huwa t-tweġiba tagħna
għall-ġid
li b'fiduċja kbira
tħalli f'idejn kull wieħed u waħda minna.
Dan il-ġid għandu ħafna ismijiet:
il-ħajja, iż-żmien, it-talenti,
u elf ħaġ'oħra marbuta magħhom.
Grazzi ta' dan il-ġid;
għinna nkattruh u nġibuh 'il quddiem
bil-kreattività tagħna
li tieħu xejriet u għamliet diversi,
ħalli d-dinja ssir dejjem iżjed
dinja li tirrifletti s-sbuħija tiegħek,
l-imħabba tiegħek,
dak li Int.

## It-Tnejn, 16 ta' Novembru 2020

Waqt li Ġesù kien riesaq lejn Ġeriko, kien hemm wieħed agħma bilqiegħda mal-ġenb tat-triq jittallab il-karità. Dan sama' l-kotra tan-nies għaddejja u beda jistaqsi x'ġara. U qalulu li kien għaddej Ġesù ta' Nazaret. Hu qabad jgħajjat u jgħid: "Ġesù, Bin David, ikollok ħniena minni." Dawk li kienu mexjin quddiem bdew iċanfruh u jsikktuh, imma hu aktar issokta jgħajjat: "Bin David, ikollok ħniena minni!" Ġesù waqaf u ordna li jressquhulu quddiemu. Meta resaq, staqsieh: "Xi tridni nagħmillek?" "Li nara, Mulej!", wieġbu dak. U Ġesù qallu: "Ara, iva! Il-fidi tiegħek salvatek."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 18, versi 35-42***



"Waqt li l-agħma jgħajjat għal Ġesù, in-nies iċċanfru, bħallikieku ma kellux jedd jitkellem. Il-krib tiegħu jdejjaqhom. Kemm drabi aħna naraw fit-triq tant nies li jdejjquna: nies fil-bżonn, morda, bla ikel, maħruba, rifuġjati. Il-Kelma ta' Alla twissina dwar l-indifferenza u l-ostilità li jagħmluna għomja u torox, ma jħalluniex naraw lil ħutna u nagħrfu fihom lil Alla nnifsu. Indifferenza u ostilità, li xi drabi jsiru wkoll aggressjoni u insult: 'Keċċuhom kollha 'l barra lil dawk!'"

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 15 Ġunju 2016

*Kemm*
*jien miftuħ*
*għall-karba*
*tal-fqir?*

*Xi skużi nġib*
*meta*
*naħrabha?*

# Quddiem il-krib

Irrid nammetti, Mulej,
li ħafna drabi l-fqir
nagħżel jien meta narah bħala fqir,
u allura spiss infittex li nsikktu
biex ma joqgħodx jiskomodani:
il-karba tiegħu nismagħha
meta nkun komdu jien li nismagħha;
il-karba tiegħu nagħmel xi ħaġa dwarha
meta jkun jaqbilli.
Erfagħni, Mulej,
mill-għama li naċċetta li jkun hemm fil-qalb tiegħi.
Agħtini qalb
li għajnejha ma tagħlaqhom qatt quddiem il-fqir,
li qatt ma ssir iebsa u kattiva kontra tiegħu;
u dan,
għax tara lilek fih.

## It-Tlieta, 17 ta' Novembru 2020

Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq. Mela jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani, u kien għani. Kellu xewqa li jara min kien Ġesù, imma ma setax minħabba l-folla, billi kien raġel qasir. Għalhekk mar jiġri 'l quddiem u xxabbat ma' siġra tat-tin selvaġġ, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi. Ġesù, kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: "Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek." Dak niżel bla telf ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 19, versi 1-6***

**266**

"Il-Mulej jixtieq jiġi d-dar tiegħek, jgħammar fil-ħajja tiegħek ta' kuljum: l-istudju u x-xogħol, il-ħbiberiji u r-relazzjonijiet, il-proġetti u l-ħolm. Kemm jogħġbu li fit-talb inqiegħdu quddiemu dan kollu! Kemm jittama li fost il-kuntatti kollha u ċ-'chat' ta' kuljum ikun hemm, fl-ewwel post, il-ħajta tad-deheb li huwa t-talb! Kemm jixtieq li l-Kelma tiegħu tkellem lil kull ġurnata tiegħek, li l-Vanġelu tiegħu jsir tiegħek, u li jkun il-'GPS' tiegħek fil-mixi tul it-toroq tal-ħajja!"

PAPA FRANĠISKU, *Omelija,* Krakovja, Jum Dinji taż-Żgħażagħ, 31 Lulju 2016

*Attent*
*għall-istediniet*
*li Alla jagħmilli?*

*Kif nilqgħu*
*lil Alla*
*jien?*

# Ejj'oqgħod

Kemm nixtieq, Mulej,
li ngħidlek minn qalbi: 'Ejj'oqgħod'.
Ejj'oqgħod dejjem,
meta jkolli aptitek
u meta ma jkollix;
meta jkolli ħin għalik
u meta ma jkollix;
meta nħoss il-bżonn tiegħek
u meta nħossok iddejjaqni;
meta kliemek jinżilli għasel
u meta nħossu toqol;
meta nkun waħdi
u meta nkun mal-oħrajn;
meta nkun għaddej b'ħidmieti
u meta nkun kwiet.
Ejj'oqgħod, Mulej.

## L-Erbgħa, 18 ta' Novembru 2020

Ġesù qal parabbola: "Wieħed raġel nobbli sejjaħ għaxar qaddejja tiegħu, tahom għaxar miniet u qalilhom: 'Ħaddmuhom' ... Meta ġie lura, l-ewwel wieħed qallu: 'Sinjur, bil-mina tiegħek qlajt għaxar miniet.' Qallu: 'Sewwa, qaddej tajjeb! ... Ħu f'idejk is-setgħa fuq għaxart ibliet.' It-tieni wieħed qallu: 'Sinjur bil-mina tiegħek daħħalt ħames miniet.' Lil dan ukoll qallu: 'Ħu taħt idejk ħamest ibliet.' U ġie ieħor u qallu: 'Sinjur, hawn ara l-mina tiegħek li jien żammejt merfugħa f'maktur. Għax jien bżajt minnek ...' Qallu: 'Fuq kliemek stess nagħmel ħaqq minnek, ja qaddej ħażin!'"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 19, versi 13.16-21a.22a***



"It-tielet qaddej tal-parabbola m'għandux relazzjoni ta' fiduċja ma' sidu, imma jibża' minnu, u dil-ħaġa timblukkah. Il-biża' dejjem jipparalizza u spiss iwassal għal deċiżjonijiet żbaljati. Il-biża' jżommok lura biex ma tiħux inizzjattivi, iġiegħlek tfittex kenn f'soluzzjonijiet bla riskju u garantiti, u b'hekk tispiċċa biex qatt ma tagħmel xejn tajjeb. Biex nimxu 'l quddiem u nikbru fil-mixja tal-ħajja, ma nistgħux inkunu beżżiegħa; jeħtieġ li jkollna fiduċja."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 19 Novembru 2017

*X'jimmotivani biex inkun bniedem li jirriskja?*

*X'jaqtagħli qalbi?*

# Riskji

Kemm tafdani, Mulej!
U jien,
kemm ma nafdakx!
Kemm tirriskja minħabba fija;
u jien,
kemm ma nirriskjax minħabba fik!
Kemm tħalli f'idejja;
u jien,
kemm ma nħallix f'idejk!
X'jonqsok tagħmel
biex il-qalb tiegħi timtela?
X'jonqsok tipprovdili
biex ħajti ngħixha
skont il-pjanijiet tiegħek għalija?
Tħallinix inkun xħiħ miegħek
u miegħi nnifsi.

## Il-Ħamis, 19 ta' Novembru 2020

Ġesù wasal qrib il-belt
u, kif raha,
beda jibkiha u jgħid:
"Mhux li għaraft imqar
int ukoll
f'dan il-jum x'inhu ta' ġid għalik!
Imma issa!
Dan hu moħbi minn għajnejk!
Għax għad jiġi żmien fuqek
meta l-għedewwa tiegħek
idawruk b'rampa
u jagħlquk minn kullimkien
u jrossu fuqek minn kull naħa;
u jġarrfu lilek u lil uliedek fik,
u ma jħallux fik ġebla fuq oħra,
talli ma għaraftx
iż-żmien taż-żjara li saritlek!"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 19, versi 41-44***

# 268

"Id-dixxerniment dejjem neħtiġuh: biex inkunu kapaċi nagħrfu ż-żminijiet ta' Alla u l-grazzja tiegħu, biex ma naħlux it-tnebbiħ tal-Mulej, biex ma nħallux taqa' fuq widnejn torox l-istedina tiegħu biex nikbru. Ħafna drabi dan insibuh fil-ħwejjeġ iż-żgħar, f'dak li jidher irrelevanti, għax in-nobbiltà tal-qalb tidher fil-ħwejjeġ sempliċi u ta' kuljum. Ifisser li ma npoġġux limiti għall-kobor, għal dak li hu l-aħjar u l-isbaħ, imma fl-istess waqt nikkonċentraw fuq iż-żgħir, fuq dmirna llum."

PAPA FRANĠISKU, Eżortazzjoni Appostolika,
*Gaudete et Exsultate,* nru 169, 19 Marzu 2018

*Dak*
*li jkun qed jiġri*
*fija*
*ngħarblu?*

*Dak*
*li jkun qed jiġri*
*madwari*
*ngħarblu?*

# Mhux għal riħu

Il-bniedem għażiż wisq għalik, Mulej,
biex titilqu għal riħu;
ma taħmilx tarah qisu qasba tixxejjer mar-riħ.
U għalhekk,
filwaqt li tirrispetta bil-kbir il-libertà li fiha ħlaqtu,
tipprovdilu elf mod
ta' kif jista' jagħraf x'inhu tabilħaqq ta' ġid għalih.
Jekk iħallihom,
iż-żminijiet jgħidulu ħafna ħwejjeġ;
il-ġrajjiet jagħtuh għerf partikulari;
is-sitwazzjonijiet li jiffaċċja kuljum
iwasslulu messaġġi mhux żgħar.
Agħmel li ebda bniedem
ma jingħalaq għal dan l-għarfien,
u ebda bniedem ma jżomm dan l-għarfien
għalih biss.

## Il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru 2020

Ġesù daħal fit-tempju,
u qabad ikeċċi 'l barra l-bejjiegħa
u jgħidilhom:
"Hemm miktub:
'Id-dar tiegħi tkun dar it-talb.'
Iżda intom
għamiltuha għar tal-ħallelin."
U kien jgħallem kuljum
fit-tempju.
Il-qassisin il-kbar
u l-kittieba u l-kbarat tal-poplu
kienu jfittxu li jeqirduh;
iżda ma kinux jafu
x'jaqbdu jagħmlu,
għax il-poplu kollu
kien imqabbad miegħu
biex jisimgħu.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 19, versi 45-48***

## 269

"It-tentazzjoni
li napprofittaw ruħna
minn attivitajiet tajbin
- kultant ukoll devoti -
biex nikkultivaw l-interessi privati,
jekk saħansitra mhux ukoll illeċti,
hi komuni ħafna.
Hu periklu gravi,
speċjalment meta jistrumentalizza
lil Alla stess u l-kult li jistħoqqlu,
jew inkella jistrumentalizza l-qadi
lejn il-bniedem, xbieha tiegħu.
Għalhekk, din id-darba,
Ġesù juża manjieri iebsa biex
jeħlisna minn dal-periklu mortali."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 4 Marzu 2018

*Lil Alla*
*naqdiH*
*jew*
*ninqeda biH?*

*Lill-oħrajn*
*naqdihom*
*jew*
*ninqeda bihom?*

# Għar tal-ħallelin

Meta ma narawx ħlief flus, Mulej,
anki lilek naslu biex inbiegħu!
Meta nħalluhom jaħkmuna,
ma narawhiex bi kbira
li lilek
nagħmluk strument ta' qligħ materjali,
oġġett tal-interessi personali tagħna,
okkażjoni għall-profitt;
ma naħsbuhiex darbtejn
biex innizżluk għarkupptejk quddiemna
basta l-but tagħna jeħxien!
Aħseb u ara kemm niddarsu
milli ninqdew bil-bnedmin!
Aħfrilna, Mulej;
tiddejjaqx tkun iebes magħna
forsi niġu f'sensina!

## Is-Sibt, 21 ta' Novembru 2020

Ġesù qal:
"Li l-mejtin iqumu,
Mosè wkoll urieh,
fir-rakkont
tax-xitla tal-għollieq,
għax
lill-Mulej
isejjaħlu
Alla ta' Abraham,
Alla ta' Iżakk,
u Alla ta' Ġakobb.
Issa hu
mhuwiex
Alla tal-mejtin,
iżda tal-ħajjin,
għax għalih
kulħadd jgħix."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 20, versi 37-38***



"Ġesù jgħid li l-ħajja hi ta' Alla li jħobbna u jinkwieta ħafna għalina, tant illi jorbot ismu ma' isimna: huwa 'Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk u Alla ta' Ġakobb. Mhux Alla tal-mejtin imma tal-ħajjin'. Il-ħajja teżisti kull fejn hemm rabta, komunjoni, fratellanza; u hija ħajja li tiżboq il-mewt dment li hi mibnija fuq relazzjonijiet veri u rabtiet ta' fedeltà. Bil-maqlub, m'hemmx ħajja meta bniedem jippretendi li hu tiegħu nnifsu u jgħix għalih waħdu: f'dawn l-atteġġjamenti hija l-mewt li toħroġ rebbieħa!"

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 10 Novembru 2019

*Lil Alla*
*nħalliH jagħtini*
*n-nifs Tiegħu?*

*X'noffri jien*
*lill-oħrajn:*
*in-nifs tal-ħajja*
*jew tal-mewt?*

# Nifsijiet

Mulej,
Inti ma tedha qatt tagħtina n-nifs tiegħek
biex ngħixu aħna bih
u biex ngħajxu lil ħaddieħor bih.
Agħmel li aħna,
bis-saħħa tan-nifs li tagħtina Inti,
inkunu nistgħu nagħtu nifs
lil min qed jaqta' nifsu
minħabba l-qtigħ il-qalb,
l-iżolament,
il-biża',
is-solitudni,
id-dwejjaq,
il-ġlied,
il-mard,
it-tbatija.